2 ta' Marzu, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Vincenzo Vella *versus* Paolo Grech

**Appell — Introduzzjoni ta' l-Atti — Nullità — Lokazzjoni — Kompetenza — Danni fil-Fond Mikri — Art. 242 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Att LIII ta' l-1948.**

*Il-liġi dwar l-introduzzjoni ta' l-atti għall-appell ġiet reċentement emendata; u skond dik l-emenda mhux aktar rikjest illi l-introduzzjoni ta' l-atti ssir fl-istess ġurnata li fiha tiġi preżentata l-petizzjoni jew ċitazzjoni jew rikors ta' l-appell, imma d-dritt stabbilit għal dik l-introduzzjoni jitħallas flimkien mad-dritt għall-preżentata tal-petizzjoni jew ċitazzjoni jew rikors ta' l-appell, u l-introduzzjoni ta' l-atti ssir mir-Reġistratur tal-Qorti "a qua" fi kwalunkwe żmien minn meta r-Reġistratur tal-Qorti Superjuri jibgħatlu l-avviż illi sar l-appell.*

*U fil-każ preżenti ġie ritenut illi l-fatt li dak id-dritt għall-introduzzjoni ta' l-atti ma tħallasx mad-dritt tal-preżentata taċ-ċitazzjoni ta' l-appell, imma tħallas wara, ma jġibx in-nullità ta' l-appell.*

*Meta s-sid irid jieħu pussess tal-fond mikri għax jippretendi li fil-kors tal-lokazzjoni saru xi danni fil-fond u għalhekk l-inkwilin iddekada mill-lokazzjoni, it-tribunal kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talba huwa l-Qorti ordinarja, għax il-Board tal-Kera ma jiddeċidix fuq dekadenzi, imma għandu ġurisdizzjoni biss għal każi ta' rilokazzjoni, fejn is-sid ikun irid jimpedixxi r-rilokazzjoni.*

*Il-kriterji li għandhom jiggwidaw lill-ġudikant biex jiddikjara dekadenza għandhom ikunu iżjed serji u rigorużi minn dawk li għandhom jiggwidawh fil-każ ta' impediment tar-rilokazzjoni.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex jiġi dikjarat ix-xoljiment tal-lokazzjoni tal-partijiet lill-konvenut mikrija tal-fond nru. 26, Imtarfa Road, Imtarfa, u biex għalhekk il-konvenut jiġi kundannat jiżgombra l-istess fond f'perijodu qasir li jiġi lilu prefiss, peress li huwa għamel ħsara fil-fond billi qala' raffijiet, ċumnija fil-bitħa, bank ta' taħt il-vit, bieb u żewġ stillieri u milqa;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-1 ta' Frar 1949, fejn "ex officio" ddikjarat li dik il-Qorti hija inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi huwa kompetenti l-Board tal-Kera, peress illi l-Ordinanza XXI ta' l-1931 tipprevedi dawn il-każijiet, u dik hija liġi speċjali li tidderoga għall-liġi ġenerali u kif jidher mill-art. 9 u 10; illi hija ma tistax taqbel ma' dak li rriteniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha "*Monsigneur vs. Fava*" *fis-27 ta' Ottubru* 1948 (Awla Inferjuri), għaliex b'dawk il-prinċipji l-liġi tal-Kera tiġi menomata; u difatti biex jieħu pussess il-lokatur għandu jirrikorri lill-Board meta tispiċċa l-lokazzjoni; illi dik il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ritenut fis-sentenza "Gatt vs. Mifsud" fis-27 ta' Marzu 1944; illi f'dan il-każ hemm rilokazzjoni "in corso"; illi l-konvenut ilu li daħal fil-post xi sentejn, u l-affarijiet li qala' qalagħhom mill-ewwel xahar li daħal fil-post, u għalhekk ma hemmx ebda urġenza biex jadixxi t-tribunali ordinarji;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u l-kawża tiġi rinvjata quddiem l-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni tal-kawża fil-meritu;

Rat l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellati tan-nullità ta' l-appell peress illi l-introduzzjoni saret mhux fl-istess ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni; u subordinatament illi s-sentenza appellata tiġi konfermata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Illi l-liġi reċentement ġiet emendata* bl-Att LIII ta' l-1948, u l-iskop ta' dik il-liġi kien preċiżament biex jirrendi iżjed faċili l-proċedura ta' l-introduzzjoni ta' l-atti mill-Qorti "a qua" lill-Qorti "ad quam". Infatti l-artikolu 242 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ġie emendat fis-sens illi l-kliem "dak innhar stess li tiġi preżentata l-petizzjoni jew ċitazzjoni skond l-artkoli 141 u 172" ġew *revokati u sostitwiti bil-kliem "fuq* proċedimenti għall-appell li jsiru jew b'petizzjoni jew b'ċitazzjoni jew b'rikors, l-attijiet tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad għandhom jiġu mdaħħla fil-Qorti fi grad ta' Appell". Minn dan jid-

her illi l-leġislatur abolixxa dawk il-kliem li kienu qegħdin iġibu ċerta komplikazzjoni għall-introduzzjoni ta' l-atti illi fl-istess ġurnata li tiġi preżentata l-petizzjoni jew iċ-ċitazzjoni għandha ssir l-introduzzjoni. Imbagħad il-leġislatur fil-liġi l-ġdida qal meta dik l-introduzzjoni għandha ssir, u ċjoè meta l-appell ikun jirrigwarda sentenzi profferiti mill-Qrati Superjuri ta' Malta jew mill-Board tal-Kera l-introduzzjoni għandha ssir fi żmien jumejn per mezz tar-Reġistratur tal-Qorti Superjuri, li jippreżenta dak l-inkartament quddiem din il-Qorti. Meta l-appell ikun jirrigwarda appell minn sentenzi tal-Qrati Inferjuri ta' Malta (u każijiet oħra), bħal dan il-każ, l-introduzzjoni għandha ssir mir-Reġistratur tal-Qorti "a qua" lir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri, fi żmien jumejn lavorativi minn dik il-ġurnata li fiha jkun ingħata avviż lir-Reġistratur tal-Qorti "a qua", u r-Reġistratur tal-Qorti Superjuri għandu jagħti dak l-avviż fl-istess ġurnata li jkun sar l-appell, ċjoè preżentata l-petizzjoni jew iċ-ċitazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi minn dana jidher illi l-leġislatur biddel is-sistema biex anzi jirrendih iżjed faċili illi l-introduzzjoni ssir l-istess ġurnata tal-preżentata ta' l-att ta' l-appell; l-unika ħaġa li hemm f'das-sistema l-ġdid hija illi d-dritt stabbilit għall-introduzzjoni ta' l-attijiet għandu jitħallas flimkien mad-dritt għal preżentata tal-petizzjoni jew taċ-ċitazzjoni jew tar-rikors; dak però sar minħabba l-fatt illi dak in-nhar stess ir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri għandu jagħti avviż lir-Reġistratur tal-Qorti "a qua" illi sar l-appell, biex dak ikollu ż-żmien jumejn għall-introduzzjoni ta' l-atti;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ sottoeżami l-appell sar fil-5 ta' Frar 1949 u l-introduzzjoni fis-7 ta' Frar 1949, u għalhekk fit-terminu stabbilit mill-liġi; anzi peress illi jumejn huma tax-xogħol, kien għad fadal sat-8 ta' Frar. L-unika irregolarità li tidher illi l-ħlas għall-introduzzjoni sar fis-7 ta' Frar, mentri kellu jsir flimkien mal-ħlas l-ieħor taċ-ċitazzjoni; imma dik l-ommissjoni da parti tar-Reġistratur tal-Qorti Superjuri ma ġġibx magħha l-ebda nullità, sew għaliex mhijiex sostanzjali, peress illi dak li huwa importanti huwa l-fatt ta' l-introduzzjoni ta' l-at-

ti, sew għaliex dan is-sistema l-ġdid ġie preċiżament magħmul biex tiġi faċilitata l-proċedura ta' l-introduzzjoni, u għalhekk mhux preżumbili li l-leġislatur kien sejjer irid u jikkommina nullità għal ħaġa hekk sekondarja tal-ħlas tad-dritt għall-introduzzjoni. Kieku kien diversament, l-iskop tal-liġi l-ġdida jiġi totalment frustrat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell eċċepita mill-appellati, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-appellati;

Tikkunsidra;

Illi kif ġie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, tant f'appelli superjuri mit-tribunal kolleġjali, kemm f'appelli mill-Qorti Inferjuri, kif ukoll mill-Qrati ta' l-Ewwel Istanza, illi l-Board tal-Kera għandu ġurisdizzjoni għall-kawżi tar-"rilokazzjoni biss"; u għalhekk meta s-sid irid jieħu r-ripreża tal-pussess tal-fond u għalhekk jimpedixxi r-rilokazzjoni taċita skond il-liġi minħabba xi ħsarat li jkunu saru fil-post, għandu jirrikorri lill-Board tal-Kera. Iżda meta l-attur, tajjeb jew ħażin, jippretendi illi fil-kors tal-lokazzjoni saru xi danni, u għalhekk jitlob ix-xoljiment tal-lokazzjoni, peress li qegħdin fil-kamp tad-"dekadenza" mid-dritt tal-lokazzjoni, allura għandu jadixxi t-tribunal ordinarju, għaliex, kif dejjem u ripetutament ġie deċiż, il-Board ma jistax jiddeċidi fuq dekadenzi. U meta l-Board jagħti pussess lis-sid minħabba xi ħsara li tkun ġrat fil-post fil-preċedenti terminu tal-lokazzjoni, ikun qiegħed jiddikjara illi l-inkwilin minħabba dik il-ħsara ma għandux dritt "jirrinnova" l-lokazzjoni, imma ma jkunx qiegħed bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni jiddikjara dekadenzi, għaliex iż-żmien tal-lokazzjoni jkun "spiċċa" jew sejjer jispiċċa; u allura huwa assurd li wieħed isemmi dekadenzi;

Tikkunsidra;

Illi din il-Qorti, tant fil-kawża "Monsigneur vs. Fava" kemm fl-oħra "Gatt vs. Mifsud", irriteniet l-istess ħaġa; b'dan illi meta l-Qorti fil-meritu, u fit-trattazzjoni tal-meritu, tara illi dawk id-danni pretiżi mill-attur saru fi żmien illi huwa kellu l-opportunità jitlob illi r-rilokazzjoni tiġi mpeduta quddiem

il-Board tal-Kera u ma għamlux, allura fil-meritu, meta tivvaluta dawk iċ-ċirkustanzi, teżamina għandhiex jew le tikkommina d-*dekadenza*. *Huwa risaput illi peress quddiem il-*Qrati Ordinarji l-kwistjoni tkun ta' dekadenza, u mhux ta' impediment għar-rilokazzjoni, il-kriterji li għandhom jiggwidaw il-ġudikant għandhom ikunu iżjed serji u rigorużi, skond il-prinċipji ta' l-ermenewtika legali, prinċipji li ma jistgħux jiġu applikati, almenu f'dik ir-rigorożità, fil-każ ta' impediment għar-rilokazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur u tiddikjara li l-Ewwel Qorti hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu nofs minn kull parti; ta' din l-istanza jitħallsu mill-appellat. U tordna illi l-kawża *tiġi rinvjata quddiem* l-Ewwel *Qorti* għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu.